MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 207/2008

**A B**

**vs**

**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija tmienja u tmenin (1988) fil-Parrocca ta’ Birzebbuga, u dana skond kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet isseparaw de facto fl-1994;

4. Illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma’ xulxin permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Farrugia tat-tlettax (13) ta’ Frar tas-sena elf disgha mija hamsa u disghin (1995), kopja ta’ liema kuntratt qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. B;

5. Illi r-rikorrent kien dahal ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta’ xejn.

6. Illi r-rikorrent kien irrealizza mal-ewwel li ma kienx lest li jghix hajja mizzewga ma’ martu.

7. Illi ghalhekk il-kunsens tar-rikorrent fil-mument taz-zwieg kien vizzjat inter alia b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini tal-artikoli 19(1)(d) Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. Illi inoltre l-kunsens tar-rikorrent kien fil-mument taz-zwieg innifsu ivvizzjat inter alia ukoll stante li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana ai termini tal-artikoli 19(1)(f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

9. Illi l-konvenuta rabtet il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;

10. Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija tmienja u tmenin (1988) fil-Parrocca ta’ Birzebbuga huwa null u bla effett fil-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m’ ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija tmienja u tmenin (1988) fil-Parrocca ta’ Birzebbuga huwa null u bla effett u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f’ dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li hija ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet:

Illi filwaqt li l-esponenti taqbel li hemm lok ghad-dikjarazzjoni tan-nullita’ taz-zwieg kontrattat bejnha u bejn l-attur ghar-ragunijiet addebitati lilu skond ir-rikors promotur, hija ma taqbilx li da parti taghha kienet rabtet il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-22 ta’ Ottubru 1988 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] u dak tal-konvenuta kien vizjat fit-termini tal-paragrafu [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi din in-nullita’ ghar-ragunijiet mhux imputabbli lilha, izda lill-istess attur.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-22 ta’ Ottubru 1988, u wara sentejn ta’ zwieg l-attur qabad relazzjoni ma’ mara ohra ad insaputa tal-konvenuta li meta skopriet dan it-tradiment da parti ta’ zewgha l-partijiet isseparaw de facto wara konvivenza matrimonjali ta’ cirka hames [5]

snin; u fis-sena 1995 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attur jispjega li peress li kien hemm problemi familjari fid-dar tal-genituri tieghu, huwa kien sab refugju fid-dar tal-genituri tal-konvenuta, u ghalhekk kwazi mill-bidu nett li kien beda johrog mal-konvenuta huwa kien beda jorqod ghandhom kwazi kuljum. Huwa kien ihossu komdu jghix mal-genituri tal-konvenuta li kienu jhobbuh u jirrispettawh.

F’ dak iz-zmien huwa kien zaghzugh li kien jiffrekwenta hafna l-knisja u ta’ kuljum kien imur jiftah il-choir wara nofsinhar wara l-iskola. Kien persuna riservata u ma kellux esperjenza ta’ hrug mal-hbieb.

Wara li l-partijiet kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin cirka seba’ snin, li fihom qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi jew namur intensiv, kien hareg post ghal bejgh vicin id-dar tal-genituri tal-konvenuta. Il-partijiet kienu thajru, xtrawh u ddecidew li jizzewgu.

L-attur jghid li xi xahar wara z-zwieg l-att taz-zwieg kien gie ridott fil-frekwenza tieghu minhabba problemi li kienet tesperjenza l-konvenuta. Huwa jghid ukoll li, peress li l-konvenuta kienet tahdem overtime, kien qed ihossu wahdu hafna, u ghalhekk kien iddecieda li jibda jdoqq fin-nightclubs gewwa Bugibba, bir-rizultat li wara sentejn taz-zwieg huwa dahal f’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ mara ohra ad insaputa tal-konvenuta.

L-attur jghid li f’ dak il-perjodu huwa kien induna li kien hemm hafna nieqes fiz-zwieg tieghu, u kien iddecieda li jkompli f’ din il-hajja duplici, peress li huwa bniedem li jhobb il-kwiet u l-paci, u fil-hajja konjugali qatt ma kien hemm glied bejn il-partijiet. Fil-fatt iz-zewg partijiet jaqblu li qatt ma kellhom argument bejniethom.

Dan jispjega ghaliex, nonostante li l-attur kien induna li z-zwieg tieghu kien tkisser, huwa xorta wahda baqa’ jghix mal-konvenuta sakemm din eventwalment indunat u l-

partijiet isseparaw de facto. Jghid ukoll li din kienet il-vera raguni ghaliex kien joqghod attent waqt l-att taz-zwieg biex il-konvenuta ma tohrogx tqila.

Huwa jghid li mal-konvenuta qatt ma hassu li kien sodisfatt, u kien hemm certu passivita' fir-relazzjoni taghhom, anke da parti ta' martu li ma kinitx tavvicinah ghall-att taz-zwieg. Jghid li "hemmhekk [Bugibba] skoprejt hajja li x' hin rajtha ghidt 'isma' hawnhekk irrid nghix jien, din hija hajti. Fil-fatt ghadni sallum indoqq bhala entertainer filghaxijiet." [fol. 45]. Jikkonferma li huwa kien accetta li jizzewweg lill-konvenuta ghax dan kien l-uniku mezz li kellu biex jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu, filwaqt li kien ihossu komdu mal-konvenuta u mal-genituri taghha. Jghid li "kont nippreferi li mmur indoqq u nkanta filghaxijiet, inqatta' l-iljieli barra flok rieqed id-dar….ghamilt perjodu ndoqq kuljum filghaxija." [fol. 54].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront ta' l-attur il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attur ma kienx fehem u gharaf l-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali derivanti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, bil-ghan li tigi fformata bejn il-partijiet "a community of live and life".

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ta' l-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini tal-artikolu 19[1][d] tal-Kap. precitat. Minn naha tal-konvenuta ma rrizultawx fatti li jwasslu ghan-nullita' taz-zwieg.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Ottubru 1998.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------